MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 152/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jason Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jason Grima talli:

(1) fil-15 ta' Jannar 2002, wara nofs inhar fir-riserva tal-Buskett, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' kull xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, jigifieri l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi, P.C. 1093 James Cardona u P.C. 800 Jason Mercieca, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

(2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli ta' qabel l-artikolu 95 tal-Kap. 9, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, jigifieri l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi, P.C. 800 Jason Mercieca u P.C. 1093 James Cardona waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
(3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jigifieri l-Ispettur Alexander Paul Miruzzi, P.C. 800 Jason Mercieca u P.C. 1093 James Cardona, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienx jaqa' taht dispozizzjonijiet ohra tal-Kap. 9 Kodici Kriminali jew ta' ligi ohra;

(4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, u fil-granet ta' qabel, kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu, xi arma tan-nar, munizzjon, decoys, xbieki jew xi mezz iehor biex jikkaccja jew jiehu ghasafar jew il-fenek selvagg f'riservi naturali;

(5) fir-Rabat (Malta) fil-15 ta' Jannar 2002, kif ukoll fil-granet ta' qabel din id-data, kellu ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom ma tidhirx fl-iskeda I, II jew III li jinsabu mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u Fenek Selvagg li ma humiex registrati mad-Dipartiment tal-Harsien tal – Ambjent.

Il-Qorti giet mitluba li barra tapplika l-piena skond il-ligi tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti kif ukoll l-iskwalifika tal-licenzji tal-kacca u l-insib ghal perijodu ta' mhux anqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Mejju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Jason Grima hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu bl-assorbiment tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet fl-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A kap. 9 u ghall-hlas ta’ multa ta' tliet mitt liri Maltin (Lm300), kif ukoll ordnat il-konfiska ta' l-ghasafar u ta' l-ghodda;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Jason Grima pprezentat fit-12 ta’ Mejju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka, ossia tannulla s-sentenza appellata stante l-ksur tal-principji tal-*audi alteram partem* u tordna l-prosegwiment tal-kawza fi stadju ta’ appell, jew billi tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti jew fin-nuqqas, fil-mertu thassar u tirrevoka listess sentenza u tillibera lill-appellant minn kull piena u imputazzjoni u fin-nuqqas tvarjaha fis-sens li tinfliggi piena anqas severa minn dik moghtija u tissostitwiha b’wahda aktar ekwa w gusta fic-cirkostanzi b’riserva li jressaq kull xhud, anka dawk li ried li jipproduci fl-ewwel istanza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

F'din is-sentenza din  il-Qorti sejra tissofferma fuq l-ewwel aggravju ta' l-appellant li permezz tieghu qieghed isostni li s-sentenza appellata ghandha titqies nulla peress illi meta nghatat is-sentenza fit-2 ta' Mejju 2005, il-kawza kienet thalliet ghall-provi tad-difiza u ghat-trattazzjoni u mhux ghas-sentenza. Jghid li fil-fatt dakinhar huwa kellu provi li ried iressaq, izda minflok l-ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-appellant ghandu ragun. Il-verbal ta' l-14 ta' Frar 2005 (a fol. 69 tal-process) jghid testwalment hekk:

"Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat. L-Avukat Dr. Toni Abela debitament assistih. Ghall-prosekuzzjoni l-Ispettur A.P. Miruzzi kien prezenti;

Dr. Toni Abela jiddikjara li qed jipprezenta dokument fir-rigward it-tajr Dok. JG. Dr. T. Abela jitlob ukoll li fis-seduta ohra jesawrixxi l-provi kollha u jittratta.

Tordna li l-kawza tigi differita ghal 2 ta' Mejju 2005, ghal provi difiza u trattazzjoni."

Minn dan il-verbal, l-iskop tad-differiment kien car, cioe` li fis-seduta sussegwenti jigu ezawriti l-provi tad-difiza u ssir it-trattazzjoni. Izda mill-verbal tat-2 ta' Mejju 2005 ma jirrizulta xejn minn dan. Minn hemm jirrizulta biss li meta ssejhet il-kawza dehru l-appellant (allura imputat) u l-ufficjal prosekutur, li Dott. Toni Abela gie msejjah u ma deherx, u li nqrat is-sentenza. Huwa minnu li l-kawza kienet ilha fl-istadju tad-difiza sa mit-2 ta' Lulju 2003 meta thalliet ghall-ewwel darba ghall-provi tad-difiza, u li l-ewwel Qorti kienet tolleranti hafna, anzi z-zejjed, meta jirrizulta mill-atti li saru diversi differimenti inutilment. Pero`, galadarba l-kawza kienet giet differita ghal skop preciz, u ma jirrizultax mill-verbal tat-2 ta' Mejju 2005 li l-kawza almenu giet posposta sakemm l-appellant ifittex jew b'xi mod jikkomunika ma' l-avukat tieghu, l-appellant ghandu ragun jilmenta li kien sorpriz meta l-ewwel Qorti qrat is-sentenza.

Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant qieghed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-appellant, tannulla u thassar is-sentenza appellata u tordna lir-Registratur biex minnufih jibghat l-atti processwali lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghall-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi mill-istadju li kien ezistenti fit-2 ta' Mejju 2005 <u>qabel</u> ma' dik il-Qorti erronejament ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-

sentenza, cioe` ghall-finalizzazzjoni tal-provi tad-difiza u ghat-trattazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------